

### Il-75 Anniversarju ta' Operation Husky

# Sehem il-Mitjar tal-Qrendi fl-Invażjoni ta' Sqallija



*minn Emanuel Muscat*

Kmieni fl-1943, beda jinħema pjan mill-Alleati għall-invażjoni ta' Sqallija taħt l-isem ***Operation Husky*** li eventwalment bdiet fl-10 ta' Lulju 1943. Is-sapport mill-ajru li seta' jingħata minn Malta għal din l-invażjoni kien vitali u Malta setgħet tipprovdi l-bażi offensiva prinċipali għall-attakki tal-ajru kontra bażijiet fi Sqallija. Malta ġiet assenjata l-irwol biex tkun il-HQ għall-invażjoni tal-Alleati fuq Sqallija. Fl-10 ta' Lulju 1943, wara li ġiet akkwistata superjorità tal-ajru fuq Sqallija, il-forzi tal-invażjoni bdew l-inżul fuq il-bajjiet taħt il-kopertura ta' bumbardamenti navali u appoġġ mill-ajru. ***Operation Husky*** damet għaddejja 39 jum, mill-10 ta' Lulju sas-17 t'Awwissu 1943, li fiha l-Alleati ħadu l-ewwel passi maġġuri tul it-triq kontinentali bil-liberazzjoni ta' Sqallija.

**F'dan l-artiklu ser nagħti ħarsa kronoloġika ta' x'uħud mill-avvenimenti l-iktar importanti konnessi mal-mitjar tal-Qrendi matul din l-invażjoni.**




Mappa taż-żona involuta mill-iSpitfires tal-Qrendi

## Mill-10 ta' Lulju - 16 ta' Lulju 1943

**Nhar l-10 ta' Lulju 1943** għal xi 3:00 ta' filgħodu, il-piloti ta' tliet skwadri tal-Qrendi, il-185, it-229 u t-249, kienu infurmati li daħlet fis-seħħ *Operation Husky* l-invażjoni ta' Sqallija. Fil-ġimgħat ta' wara l-iskwadri tal-Qrendi kienu fuq l-offensiva jappoġġjaw din l-invażjoni b'sorveljanzi kontinwi fuq il-kosta tan-naħa t'isfel ta' Sqallija, attakki fuq bażijiet u skorta m'ajruplani tal-bumbardament sejrin lejn Sqallija. Fis-6:25 ta' filgħodu tliet Spitfires IX u tmien Spitfire Vc mill-Iskwadra 249 taru mill-mitjar tal-Qrendi fuq rutina ta' sorveljanza madwar Gela u Scalambri fir-reġjun ta' Sqallija. Dak il-ħin dehru ħafna nirien f'Ragusa u f'Comiso. Fis-6:50 ta' filgħodu tnax-il Spitfire tal-Iskwadra 229 għamlu titjira ta' rutina ta' sorveljanza fuq it-truppi u l-vapuri tal-Alleati fin-naħa tax-xlokk ta' Sqallija. Fid-9:35 ta' filgħodu tnax-il Spitfire mill-Iskwadra 185 taru mill-Qrendi biex jipprovdu skorta lill-bastimenti tal-Alleati waqt l-iżbark fuq il-kosta ta' Sqallija. Fil-5:30 ta' filgħaxija reġgħu taru tnax il-Spitfire tal-Iskwadra 185 din id-darba biex jipprovdu skorta lill-ajruplani B-24 Liberators tal-Forza tal-Ajru Amerikana (USAAF)fi triqithom biex jibbumbardjaw stallazzjonijiet militari qrib Catania. Fis-6:20 ta' filgħaxija, tnax-il Spitfire tal-Iskwadra 229 taru biex jagħmlu rutina ta' sorveljanza fuq vapuri tal-Alleati bejn Siracusa u Cape Passero. Kienu ntlemħu bosta ajruplani tal-għadu u dawn kienu interċettati, b'erbgħa minnhom MC200 tar-Regia Aeronautica ġew meqruda mill-piloti tal-Iskwadra 229. Dakinhar l-iSpitfires tal-Qrendi kollha reġgħu lura mingħajr problemi. L-istess ġara għall-Iskwadra 185 li f'żewġ okkażjonijiet differenti l-iSpitfires tagħha taru biex jagħmlu rutina ta' sorveljanza fuq bastimenti tal-Alleati ankrati mal-kosta ta' Sqallija u iktar tard wara nofsinhar tliet Spitfires eskortaw bombers B-24 Liberators tal-USAAF fi triqithom biex jibbumbardjaw stallazzjonijiet militari qrib Catania.

**11 ta' Lulju** fis-2:15 ta' waranofsinhar taru mill-Qrendi tmien Spitfires mill-Iskwadri 249 biex jipprovdu għassa straordinarja fuq l-inħawi ta' madwar Gela u Scalambri u għassa fuq it-tbaħħir fuq il-kosta ta' n-naħa t'isfel ta' Sqallija. F'dan il-jum Squadron Leader John J Lynch tal-Iskwadra 249 kien ingħata l-unur ta' DFC u BAR b'effett mit-12 ta' Ġunju 1943. Tmien Spitfires mill-Iskwadra 229 waqt li kienu fuq rutina ta' sorveljanza fl-inħawi ta' Comiso interċettaw xi ajruplani tal-għadu b'wieħed minnhom MC202 tar-Regia Aeronautica kien meqrud



Spitfires tal-Iskwadra 249 ġewwa Ta' Qali

minn F/Lt.L.C.Gosling. Matul dawn il-missjonijiet l-iSpitfires kollha rritornaw lura l-Qrendi mingħajr ebda inċident.

**12 ta' Lulju 1943** fis-1:00 ta' waranofsinhar tnax-il Spitfire mill-Iskwadra 229 taħt it-tmexxija tal-*Krendi Wing Leader* Wing Commander Billy Drake wettqu sorveljanza fuq l-inħawi ta' Gerbini. Iżjed tard reġgħu taru 12-il Spitfire tal-Iskwadra 229 fuq rutina ta' sorveljanza madwar l-inħawi ta' Siracusa u Augusta. Kienu ntlemħu diversi ajruplani tal-għadu u dawn kienu interċettati b'wieħed minnhom Bf109 tal-Luftwaffe kien meqrud minn F/Lt.L.C.Gosling. Matul dawn il-missjonijiet l-iSpitfires kollha rritornaw lura l-Qrendi mingħajr inċidenti.

**13 ta' Lulju 1943** fis-6:30 ta' filgħodu tmien Spitfires Vc mill-Iskwadra 229 wettqu rutina ta' sorveljanza madwar Gela u izjed tard fit-8:10 ta' filgħodu erba' Spitfires mill-Iskwadra 185 wettqu sorveljanza fin-nofsinhar ta' Catania mingħajr l-ebda inċident, però Spitfire minnhom kellu jinżel fil-mitjar ta' Pachino bl-oħrajn jirritornaw kollha l-Qrendi. Fl-10:00 ta' filgħodu taru tmien Spitfires (3 IX u 5 Vc) mill-Iskwadra 249 fuq rutina ta' sorveljanza madwar Gela u Scalambri. Fl-10:20 ta' filgħodu sitt Spitfires oħra mill-Iskwadra 229 eskortaw ajruplani Kittyhawks fi triqithom biex jattakkaw stallazzjonijiet militari qrib Lentini. L-Iskwadra 185 dakinhar kompliet tagħti sehema, fis-1:40 ta' waranofsinhar taru tliet Spitfires fuq rutina ta' sorveljanza fuq Sqallija. L-iSpitfires kollha rritornaw lura mingħajr inċidenti, ħlief għal wieħed li kkraxxja waqt l-inżul bil-pilota jeħlisha ħafif.

**14 ta' Lulju** kmieni filgħodu fil-4:55 telqu mill-Qrendi tmien Spitfires mill-Iskwadra 229 fuq rutina ta' sorveljanza fin-nofsinhar ta' Sqallija u dawn irritornaw lura fis-6:40 ta' filgħodu. Iżjed tard, fl-10:10 ta' filgħodu, għaxar Spitfires mill-Iskwadra 229 eskortaw grupp ta' bombers B-25 Mitchell tal-USAAF li kienu sejrin biex jibbumbardjaw stallazzjonijiet madwar Enna. L-iSpitfires irritornaw lura f'11:40 ta' filgħodu.

**15 ta' Lulju** fis-7:00 ta' filgħodu, tnax-il Spitfire mill-Iskwadra 249, wettqu offensiva fuq il-mitjar ta' Gerbini u dak ta' Catania u wara dawn irritornaw kollha l-Qrendi mingħajr inċident. Fis-2:00 ta' waranofsinhar Spitfires mill-Iskwadra 249 u mill-Iskwadra 185 eskortaw grupp ta' bombers B-25 Mitchell tal-USAAF fi triqithom biex jibbumbardjaw l-inħawi madwar il-belt ta' Paterno fi Sqallija. F'dawn il-missjonijiet l-ebda inċident ma seħħ u l-iSpitfires kollha rritornaw lura lejn Qrendi.

**16 ta' Lulju 1943** fis-6:30 ta' filgħodu taru erba' Spitfires tal-Iskwadra 185 biex jeskortaw *aircraft carrier* li kienet milquta u reġgħu lura fit-8:15 ta' filgħodu mingħajr l-ebda inċident. Fl-10:00 ta' filgħodu tnax-il Spitfire tal-Iskwadra 229 telqu fuq rutina ta' sorveljanza fuq l-inħawi ta' Gerbini u Catania u rritornaw lura f'11:50 ta' filgħodu mingħajr l-ebda inċidenti. Iżjed tard fil-5:00 ta' waranofsinhar dawn reġgħu taru għal rutina ta' sorveljanza fuq l-inħawi ta' Gerbini u li fiha ntlaqgħu minn sparar ta' kanuni ta' kontra l-ajruplani. Dawn irritornaw kollha lura fis-7:00 ta' filgħaxija.

## Mis-17 ta' Lulju - 23 ta' Lulju 1943

**17 ta' Lulju 1943** tmien Spitfires mill-Iskwadra 249 telqu mill-Qrendi fis-1:00 ta' waranofsinhar biex jipprovdu skorta lill-bastimenti tal-Alleati fi triqithom lejn Sqallija madwar ħames mili 'l barra lejn it-Tramuntana ta' Malta. L-iSpitfires irritornaw kollha lura l-Qrendi fis-2:15 ta' waranofsinhar mingħajr ebda inċidenti. Fis-6:10 ta' waranofsinhar, erba' Spitfires tal-Iskwadra 229 taru biex jeskortaw tliet DC-3s fi triqithom lejn il-belt ta' Pachino fi Sqallija. L-iSpitfires irritornaw kollha lura l-Qrendi mingħajr ebda inċidenti.

**Fit-18 ta' Lulju 1943** fis-6:30 ta' filgħodu, tnax-il Spitfire tal-Iskwadra 229 telqu mill-Qrendi fuq rutina ta' sorveljanza fuq il-kosta tal-Lvant ta' Sqallija. Waqt din il-missjoni ntlemħu żewġ Messerschmitt Bf109 meta wieħed minnhom laqat b'balla ta' kanun lill-iskrun ta' wieħed mill-iSptfires misjuq minn Sgt.D.E.Ripper. Huwa rnexxielu jniżżel l-iSpitfire tiegħu f'żona sikura, kien salvat u peress li ħelisha ħafif, l-għada rritorna lura fl-Iskwadra tiegħu. L-iSpitfires kollha reġgħu lura l-Qrendi mingħajr problemi. Fit-7:40 ta' filgħaxija ħdax-il iSpitfire marru jattakkaw stallazzjonijiet fi Sqallija. Madwar sagħtejn wara, l-iSpitfires kollha reġgħu lura l-Qrendi mingħajr problemi. Kmieni waranofsinhar żewg Spitfires tal-Iskwadra 229 eskortaw tliet C-47 tal-USAAF fi triqithom lejn Pachino fi Sqallija u iżjed tard erba' Spitfires oħra tat-229 eskortaw ajruplani tat-trasport lejn Gela u Pachino.

**Fid-19 ta' Lulju 1943** fis-6:30 ta' filgħodu, tmien Spitfires tal-Iskwadra 229 telqu mill-Qrendi fuq rutina ta' sorveljanza tul il-kosta tal-Lvant ta' Sqallija. Madwar 10 mili 'l bogħod mill-Muntanja Etna lemħu erba' Messerschmitt Me110. Dawn kienu interċettati u tnejn minnhom inqerdu minn Sgt. W.G. Downing. Sadanittant sar magħruf li żewġ Spitfires minn dawn it-tmienja ġew nieqsa. Qabel ma rrittornaw lura l-Qrendi, is-sitta li kien fadal kellhom jinżlu fil-mitjar ta' Cassibile li kien diġà f'idejn l-Alleati għal *refueling*. Flt.Lt. L.C. Gosling u Flt.



Erba' Spitfires jittajru fuq Għajn Tuffieħa

Sgt.W.G.Downing kienu nieqsa. Flt.Lt.L.C.Gosling instab mejjet, filwaqt li Flt.Sgt. W.G. Downing kien għadu ma nstabx. Fis-7:30 ta' filgħodu, disa' Spitfires mill-Iskwadra 249 taru mill-Qrendi lejn il-kosta ta' Catania biex ifittxu għal Flt.Sgt. W.G. Downing, missjoni li kienet mingħajr suċċess. Fil-5:30 ta' waranofsinhar, ħdax-il iSpitfire mill-Iskwadra 185 telqu mill-Qrendi għall-attakk qrib Catania u ż-żona ta' Gerbini. Dawn l-iSpitfires kollha rrittornaw lura mingħajr inċidenti. **Fil-21 ta' Lulju 1943** l-Iskwadra 249 nedhiet programm ta' tliet gimgħat taħriġ intensiv ta' titjiriet biex l-Iskwadra jkollha l-ogħla effiċjenza.

### Mill-24 ta' Lulju - 31 ta' Lulju 1943

It-tliet skwadri tal-Qrendi kienu okkupati ħafna matul it-tielet ġimgħa tal-***Operation Husky***. Fl-**24 ta' Lulju 1943** fil-10:45 ta' filgħodu taru erba' Spitfires mill-Iskwadra 229 biex jeskortaw konvoj li kien għaddej qrib Malta fi triqtu lejn Sqallija. Fis-1:50 ta' waranofsinhar erba' Spitfires oħra mill-Iskwadra 229 reġgħu telqu mill-Qrendi, din id-darba biex jeskortaw Konvoj ieħor li kien jinsab madwar tmien mili fin-nofsinhar ta' Siracusa. Fis-6:00 ta' waranofsinhar erba' Spitfires IX tal-Iskwadra 249 wettqu rutina ta' sorveljanza madwar il-gżejjer Maltin u rritornaw lura ftit wara s-7:00 ta' filgħaxija.

**Fil-25 ta' Lulju** fl-10:30 ta' filgħodu erba' Spitfires Vb ta' 229 Squadron taru mill-Qrendi biex jeskortaw bomber B-17 Flying Fortress tal-Forza tal-Ajru Amerikana li kien ser jinżel fil-mitjar ta' Cassibile fi Sqallija. Siegħa wara reġa' kien eskortat lura fi triqtu lejn Malta, bl-iSpitfires jirritornaw kollha lura lejn il-Qrendi fil-11:15 ta' filgħodu. Għall-bqija tal-ġimgħa, sal-31 ta' Lulju 1943, ma kien hemm ebda titjir mill-Iskwadra 229. Waranofsinhar, erba' Spitfires tal-Iskwadra 185 wettqu rutina ta' sorveljanza madwar l-ibħra tal-gżejjer Maltin.

**Fis-26 ta' Lulju,** fis-06:40 ta' filgħodu, erba' Spitfires Vb ta' 249 Squadron taru għal tfittxija ta' fdalijiet li kienu rrappurtati madwar 20 mil lejn il-Grigal ta' Malta. Xi fdalijiet li dehru ma kenux biċċiet t'ajruplan. Irritornaw lura fit-8:05 ta' filgħodu. Fis-6:15 ta' waranofsinhar, żewġ Spitfire IX tal-Iskwadra 249 wettqu rutina ta' sorveljanza madwar il-gżejjer Maltin u rritornaw lura l-Qrendi fis-7:00 ta' filgħaxija mingħajr inċident.

**Fis-27 ta' Lulju** fis-7:15 ta' filgħodu, żewġ Spitfire IX mill-Iskwadra 249 wettqu rutina ta' sorveljanza fl-inħawi ta' Catania u Augusta. Ma deher xejn u rritornaw lura fit-8:10 ta' filgħodu.

Fis-7:15 ta' filgħodu, żewġ Spitfire IX tal-Iskwadra 249 wettqu rutina ta' sorveljanza fl-inħawi tat-Tramuntana tal-gżejjer Maltin u rritornaw fit-8:25 ta' filgħodu.

**Fit-28 ta' Lulju** fin-12:35 ta' waranofsinhar, taru żewġ Spitfires tal-Iskwadra 185 għal *raid* li ma mmaterjalizzax u rritornaw lura fis-1:15 ta' waranofsinhar. Fid-**29 ta' Lulju,** fis-7:05 ta' filgħaxija, taru żewġ Spitfires tal-Iskwadra 185 biex jinterċettaw ajruplani tal-għadu li wara rriżulta li kienu tal-Alleati. Irritornaw fit-7:50 ta' filgħaxija. **Fit-30 ta' Lulju** Sqd. Ldr.E.N.Woods inħatar kmandant tal-Iskwadra 249 minflok Sqd. Ldr. John J. Lynch. Fl-istess jum, fil-11:00 ta' filgħodu, żewġ Spitfires tal-Iskwadra 185 taru biex jinterċettaw ajruplani tal-għadu, u wara li nstab li kienu tal-Alleati u reġgħu lura fil-11:25 ta' filgħodu. L-istess ġara fil-**31 ta' Lulju,** fis-1:50 ta' waranofsinhar, żewġ Spitfires tal-Iskwadra 185 taru biex jinterċettaw ajruplani tal-għadu li wara rriżulta li kienu tal-Alleati u rritornaw lura fit-2:50 ta' waranofsinhar.

### Mill-1 t'Awwissu - 8 t'Awwissu 1943

**Fit-2 t'Awwissu 1943,** kmieni filgħodu, erba' Spitfires tal-Iskwadra 229, eskortaw konvoj għal madwar siegħa u nofs li kien jikkonsisti f'sittax-il bastiment merkantili li kienu mgħassa minn għaxar bastimenti navali madwar 40 mil fix-Xlokk ta' Malta mingħajr l-ebda inċident. Fit-3 t'Awwissu kmieni filgħodu, erba' Spitfires tal-Iskwadra 229, eskortaw konvoj għal madwar siegħa li kien jinsab madwar 29 mil fil-Lvant ta' Passero sejjer lejn Siracusa mingħajr ebda inċidenti.

**Fl-4 t'Awwissu 1943,** fl-4:25 ta' waranofsinar, żewġ Spitfires IX tal-Iskwadra 249, wettqu rutina ta' sorveljanza għaxar mili lejn it-Tramuntana ta' Malta. **Fit-8 t'Awwissu** kmieni filgħodu, tliet Spitfires mill-Iskwadra 249, wettqu sorvelljanza fuq konvoj ta' ħames bastimenti merkantili segwiti minn tliet vapuri navali, tletin mil fin-Nofsinhar ta' Malta. **Fil-15 t'Awwissu,** erba' Spitfires tal-Iskwadra 229 u erba' oħra ta' 249, wettqu rutina ta' sorveljanza fuq konvoj li kien madwar 44 mil fil-Majjistral ta' Malta.

**Fis-7 t'Awwissu,** fis-7:15 ta' filgħodu, erba' Spitfires mill-Iskwadra 185, telqu mill-Qrendi biex jinterċettaw bomber Ju88 tal-Luftwaffe li kien qed itir fit-Tramuntana ta' Malta. L-ewwel li pprova jattakkah kien Plt.Of. A.A.Wyndham minn wara, però l-iSpitfire tiegħu kien diġà milqut fil-magna u huwa kellu jaqbeż 'il barra mill-iSpitfire madwar tletin mil fil-Lvant ta' Malta. Saddanittant, sieħbu Flt.Lt. C.G.Chappelle, ukoll attakka lil dan il-Ju88 u rnexxielu jolqot il-magna tax-xellug li minnha deher ħiereġ ħafna duħħan. Siegħa warab, it-tliet Spitfires li kien għadhom fl-ajru rritornaw lura. Fit-8:05 ta' filgħodu, tliet Spitfires mill-Iskwadra 185, telqu mill-Qrendi, għal tfittxija ta' salvataġġ għal Plt.Of. A.A.Wyndham li wara li nstab kien salvat minn membri tal-ekwipaġġ t'ajruplan Walrus.

### Mid-9 t'Awwissu - 17 t'Awwissu 1943

**Fil-15 t'Awwissu,** kmieni filgħodu, erba' Spitfires tal-Iskwadra 229 u erbgħa oħra ta' 249 wettqu rutina ta' sorveljanza fuq konvoj li kien madwar 44 mil fil-Majjistral ta' Malta. Iktar tard, fil-10:50 ta' filgħodu, erba' Spitfires mill-Iskwadra 249 wettqu rutina ta' sorveljanza fuq konvoj ta' bastimenti merkantili madwar ħamsa u għoxrin mil fil-Majjistral ta' Malta. Fis-12:50, waqt l-inżul fil-mitjar tal-Qrendi, Spitfire minnhom ikkraxxja minħabba ħsara f'waħda mir-roti,bil-pilota kellu jkun rikoverat l-Isptar Ġenerali. L-għada, fis-16 t'Awwissu waranofsinhar, kien impenjattiv ferm għall-Iskwadra 249. Bejn is-12:40 u t-7:40 ta' waranofsinhar saru diversi titjiriet ta' sorveljanza mill-iSpitfires tal-Iskwadra 249 lejn it-Tramuntana tal-gżejjer Maltin mingħajr ebda inċidenti. Dakinhar, waqt l-inżul ta' wieħed minn dawn l-iSpitfires misjuq minn Flt. Sgt.W.Docherty, ikkraxxja minħabba ħsara fil-magna u l-pilota kellu jkun rikoverat l-Isptar Ġenerali.

**17 t'Awwissu,** fis-6:40 ta' filgħodu, erba' Spitfires mill-Iskwadra 185, immexxija minn Flt.Lt.L.M.McKee taru biex jinterċettaw ajruplani tal-għadu, attakk li ma seħħx u rritornaw lura fit-7:45 ta' filgħodu mingħajr ebda inċident. Fit-8:05 ta' filgħodu, erba' Spitfires IX mill-Iskwadra 249, telqu mill-Qrendi biex jinterċettaw għal dak li kien maħsub xi ajruplani tal-għadu resqin lejn Malta, però wara li ma seħħ xejn madwar tliet kwarti wara, irritornaw lura l-Qrendi.

Din il-ħidma intensiva kompliet sa wara l-invażjoni ta' Sqallija. **Fis-27 t'Awwissu,** fil-5:10 ta' filgħaxija, telqu mill-Qrendi erba' Spitfires IX tal-Iskwadra 249, wieħed minnhom li kien misjuq min P/Off MacBain, waqqa' Ju88 madwar għoxrin mil 'il barra minn Kalafrana. L-iSpitfires irritornaw kollha lura l-Qrendi fis-6:20 ta' filgħaxija mingħajr inċident. Billi issa Sqallija kienet okkupata mill-Alleati, fit-30 ta' Settembru 1943, ġie fi tmiem l-operazzjonijiet ta' titjir minn dan il-mitjar.

## Referenzi


**185 The Malta Squadron,** Anthony Rogers;

**249 at Malta,** Brian Cull & Frederick Galea;

**Operations Record Book RAF Station Krendi Malta,** National Archives, UK.





Smart Beauty & Nails

**Marcelle Camilleri**

CIBTEC Cert. Int-Dip. in Beauty Therapy,
Holistic Therapist & Electrologist

38, Stella Artois, Triq tal-Warda, Qrendi
**Tel: 27685175 – 99252030**

# Pet Care

***Kull ma' trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi, eċċ.***
***Għall-pets, mediċini għall-annimali kollha, ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd, ħniex tal-imperjal ta' barra u reels, qasab, snanar u swivels u kaxxa tal-plastic tas-sajd eċċ, lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful, eċċ***



Qrendi Road, Żurrieq
Tel: **2164 9727**